**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju Parrokkjali 21551649 • www.nadurparish.com • nadurparish@churchingozo.mt / nadurparishoffice@gmail.com*

Nhar l-Erbgħa li għaddiet kien jum għażiż għall-abbatini tagħna Mikiel u Mason li flimkien mal-Arċipriet Krystof u l-bqija tal-grupp tal-abbatini Għawdxin kienu preżenti għall-Udjenza Ġenerali tal-Papa Ljun XIV li fi tmiemha kellhom okkażjoni unika li jiltaqgħu miegħu personalment. Hu bierek lilhom u l-familji tagħhom u rringrazzjahom tas-servizz li taw matul din l-aħħar ġimgħa fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan.



Fl-Udjenza, il-Papa tkellem fuq il-Jum tal-Ħadd bħala "l-pedament u l-qalba tas-sena liturġika kollha", li permezz tal-istaġuni ul-festi tagħha l-Knisja tibqa' magħquda mal-ħidma salvifika tal-Mulej u tagħti ċans lill-fidili biex jirċievu l-Grazzja tiegħu.

Huwa fakkar kif il-Ħadd bit-Taljan jissejjaħ "Domenica" mil-Latin "dies Domini" li jiġifieri l-Jum tal-Mulej. U anki jekk bl-Ingliż jissejjaħ "Sunday", li jiġifieri "jum ix-xemx", l-Insara xorta jistgħu jiftakru kif Kristu hu "l-veru xemx tal-ġustizzja" li jdawwal lil kull bniedem.

Għalhekk il-Papa spjega kif iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija fil-Jum tal-Ħadd hi essenzjali għall-Insara biex jiltaqgħu flimkien u jisimgħu l-Kelma. Hu wissiena biex ma nikkuntentawx bil-Quddiesa segwita online u lanqas billi niġu u nibqgħu passivi għal kulma jsir fiha, imma ħeġġiġna biex nieħdu sehem b'mod attiv u nirringrazzjaw lil Alla għal dik "it-tama ħajja" li rċivejna bil-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet.

Fl-aħħar nett il-Papa talab lill-komunitajiet Insara biex jagħmlu li jistgħu biex joffru l-aħjar kundizzjonijiet possibbli lil dawk li minħabba x-xogħol ma jkunux jistgħu jiġu għall-Quddies il-Ħadd.

**<u>Avviżi ta' tfakkira</u>**

Il-Quddies tas-Solennità ta' Marija Assunta se jkun mill-Ġimgħa 14 filgħaxija sas-Sibt 15 filgħaxija. Il-Quddiesa tas-Sibt flok fil-5.00pm se tibda fl-4.30pm peress li se jkun hemm Ċelebrazzjoni taż-Żwieġ.

Wara l-Quddies tas-Sibt 15 filgħaxija u l-Ħadd 16 se jkollna l-opportunità li ngħinu lill-komunità tal-Little Sisters of the Poor tal-Ħamrun Malta.

Tombla speċjali nhar it-Tnejn, 17 t'Awwissu. Għat-trasport ċemplu lil Karistu fuq 79090916.

BBQ kbir nhar l-Erbgħa 19 t'Awwissu. Aħsbu għall-biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali, Anġlu Snack Bar, u mingħand l-għaqdiet tal-festa.

Pellegrinaġġ fil-Greċja fuq il-passi ta' Pawlu, mis-16 sat-22 t'Ottubru 2026. Bookings u deposit ta' €400 fl-Uffiċċju Parrokkjali. Il-programm sħiħ issibuh fuq nadurparish.com

**IL-ĦIN TAL-QUDDIES**

**Ħdud u festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm
KNISJA QALB TA' ĠESÙ. **Matul il-ġimgħa**: 11.00am. **Ħdud:** 7.30am
KAPPELLA TAS-SORIJIET. **Matul il-ġimgħa**: 7.00am. **Ħdud:** 6.15am; 10.00am (bl-Ingliż)
KAPPELLA S. TEREŻA TA' KALKUTTA. **Ħdud:** 7.30am

**SAINT PETER AND SAINT PAUL PARISH • Nadur • Gozo**

*Parish Office 21551649 • www.nadurparish.com • nadurparish@churchingozo.mt / nadurparishoffice@gmail.com*

**16th August 2026**

Last Wednesday was a very special day for our altar servers, Mikiel and Mason, who, together with Archpriest Krystof and the rest of the Gozitan altar server group, attended the General Audience with Pope Leo XIV. At the end of the audience, they had the unique opportunity to meet him personally. He blessed them and their families and thanked them for the service they had given during the past week at St Peter's Basilica in the Vatican.



During the Audience, the Pope spoke about Sunday as **"the foundation and heart of the entire liturgical year."** Through its seasons and feasts, the Church remains united with the Lord's saving work and gives the faithful the opportunity to receive His grace.

He reminded us that in Italian, Sunday is called **"Domenica,"** from the Latin *dies Domini*, meaning **"the Lord's Day."**

And even though in English it is called "Sunday," meaning "the day of the sun," Christians can still remember that Christ is **"the true sun of justice"** who gives light to every human being.

The Pope therefore explained that the celebration of the Eucharist on Sunday is essential for Christians, so that they can come together and listen to the Word. He warned us not to be satisfied with following Mass online, nor with coming to Mass and remaining passive throughout the celebration. Instead, he encouraged us to participate actively and to give thanks to God for the **"living hope"** that we have received through Christ's Resurrection from the dead.

Finally, the Pope asked us to provide the best possible conditions to help those who, because of their work, are unable to attend Mass on Sundays.

---

The Masses for the **Solemnity of the Assumption of Mary** will be held from Friday evening, 14 August, until Saturday evening, 15 August. The Saturday Mass will begin at **4:30pm instead of 5:00pm**, as there will be a Wedding Celebration. After the Saturday evening Mass on the 15th and on Sunday the 16th, we will have the opportunity to support the community of the **Little Sisters of the Poor in Ħamrun, Malta**.

**Special Bingo** on Monday, 17 August. For transport, please call Karistu on 79090916.

**Big BBQ** on Wednesday, 19 August. Tickets are available from the Parish Office, Anġlu Snack Bar, and from the various feast organisations.

**Pilgrimage to Greece**, following in the footsteps of St Paul, from **16–22 October 2026**. Bookings and a **€400 deposit** can be made at the Parish Office. The full programme can be found at nadurparish.com

## MASS TIMES

**Sundays and feasts:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**From Mon to Sat:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm

SACRED HEART CHURCH. **From Mon to Sat**: 11.00am. **Sunday:** 7.30am

CONVENT CHAPEL. **From Mon to Sat**: 7.00am. **Sunday:** 6.15am; 10.00am (Eng Mass)
ST. THERESA OF CALCUTTA CHAPEL **Sunday:** 7.30am